**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**

# Laqgħa Nru. *18/2016*

Data: It-Tlieta 12 ta' Lulju 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti: *Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson*
*Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Membru*
*Is-Sur Martin Cefai – Membru*
*Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru*
*Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/2016;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Materja oħra;
7. Aġġornament.

**Minuti –** ***KAM 18/2016***

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. Talba

1.1 Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 17/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/2016

3.1 Dwar il-kanun li kien hemm fil-Menqa u li nġabar il-Kajselli x-Xewkija, ġie deċiż li jinġabru tlett kwotazzjonijiet biex issir il-manutenzjoni tiegħu.

3.2 Il-Viċi Chairperson qal ir-*railing* li kellu jsir fit-taraġ li jagħti għall-ATM tal-BOV kien għadu ma sarx.

3.3 Il-Kumitat approva:

- kwotazzjoni ta' Charlie Camilleri biex jinqalgħu *bollards* tal-konkos fil-Bajja tal-Qbajjar (stima tax-xogħol €485).
- x-xiri ta' tmien *flexible bollards* għal Triq l-Isqof Pace u għal Triq il-Port mingħand B Grima & Sons Ltd.

3.4 Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra stima tal-Inġ. Renzo Curmi fir-rigward tal-proposta biex issir funtana fil-baħar fil-Bajja ta' Marsalforn.

## 4. Korrispondenza

**Sar il-qari ta' din il-korrispondenza :**

4.1 Ittra mibgħuta mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar il-proġett li sar fil-Bajja tal-Qbajjar iffinanzjat mill-UIF. Intqal li l-Awtorita` għandha tipprovdi l-plakka.

4.2 Ittra mibgħuta mill-Arkivju Nazzjonali Għawdex dwar esebizzjoni bit-tema n-niċeċ storiċi ta' Għawdex. Iċ-Chairperson qalet li f' Marsalforn m' hemmx niċeċ.

4.3 Talba minn Transport Malta biex isir ċaqliq ta' *bus stop* fi Triq il-Qbajjar fl-*area* tas-*supermarkets.* Il-Kumitat iddeċieda li jikteb lil Transport Malta u jistaqsi r-raġuni għal tali ċaqliq u minbarra hekk tinġibed l-attenzjoni li fejn ġie propost li jitpoġġa l-*bus stop*, it-triq iżżomm ħafna ilma u trid titranġa.

**4.4 Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Zaffarese Signs & Displays Ltd Għan-nom ta' ERA għal esibizzjoni mill-24 sal-31 ta' Awwissu 2016 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. | Approvata. |
| **(ii)** Leġjun ta' Marija Għal manifestazzjoni marjana nhar it-23 ta' Awwissu 2016 fi Triq il-Wied. | Approvata. |
| **(iii)** Gary Doyle – Glass Box Bar Għal attivita` *band* nhar is-17 ta' Lulju 2016 f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |
| **(iv)** Il-Kunsillier C Saliba Għal attivita` spettaklu ta' talent lokali nhar il-11 ta' Awwissu 2016 f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |

## 5. Ilmenti u Suġġerimenti

**5.1** KAM 15/2016 – il-Viċi Sindku D Cordina
Biex tkun implimentata l-*pedestrian crossing* approvata minn Transport Malta fi Triq il-Qbajjar. Kien maqbul li ssir *site visit* mal-Perit dwar il-lokazzjoni tal-*pedestrian crossing* minħabba garaxxijiet li hemm fit-triq.

**5.2** KAM 16/2016 – is-Sinj. L Bezzina
Talbet biex isir ċaqliq ta' żewġ bankijiet li twaħħlu faċċata ta' Port Mansions fi Triq is-Sajjieda. Il-Viċi Chairperson għandu jitkellem mas-Sinj. Bezzina dwar l-ilment tagħha.

**5.3** KAM 18/2016 – is-Sur C Buttigieg
Biex isiru *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx tal-appartamenti 'Mermaid Crt' fi Triq il-Munġbell. Ser issir *site visit* miċ-Chairperson u l-Viċi Chairperson.

**5.4** KAM 21/2016 – il-Viċi Sindku D Cordina
Biex terġa' ssir talba lill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar siti mhux żviluppata fil-lokalita` biex is-sidien ikunu mġiegħla jibnu ħitan ta' lqugħ obbligati bil-liġi f' dawn is-siti. Il-Kumitat se jerġa' jikteb lill-Awtorita` tal-Ippjanar.

**5.5** KAM 22/2016 – Sanita`
Biex jitwaħħal sinjal juri 'Recycable waste only' maġenb il-*bring-in site* ta' Triq il-Forn. It-talba kienet rifjutata mill-Kumitat.

## 6. Materja Oħra

**6.1** Proposti / ilmenti mressqa mill-Viċi Chairperson:
- isir taraġ wiesgħa minflok is-sellum maġenb l-Otters. Approvat li jsir mill-Beach Cleaning Section.
- Triq Ulisse fejn hemm ir-rampa tan-Neptunes, qal li kemm ilu li tlesta x-xogħol kien qed iżomm l-ilma. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet ser tinfurma lill-Perit.
- staqsa kienx hemm żviluppi dwar il-bankina ta' Triq ir-Rabat mill-kantuniera ta' Triq Lapsi sa k/m Triq il-Kaptan Frank Debono.
- *shower* faċċata tal-BOV ma taħdimx u tabella biex ma jintużax sapun nieqsa.
- bdil ta' żewġ gradi tal-plastik miksura quddiem l-Aragosta, Triq il-Port. Approvati li jinbidlu mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- traqqiegħ ta' toroq f' Marsalforn.

**6.2** Proposti / ilmenti mressqa miċ-Chairperson:

- biex il-*loading / unloading bay* fil-bidu ta' Triq Sta Marija minflok isir *bay* riservat għall-persuni b' diżabilita`. Ser ngħaddu l-proposta lil Transport Malta.
- plakka tal-granit titwaħħal maċ-ċint tal-Menqa tfakkar it-tlett sajjieda li kienu nqattlu. Iċ-Chairperson għandha titkellem ma' Mons Bezzina biex jgħaddilha l-informazzjoni.

6.3 Il-Kumitat qabel li sa nofs Settembru, l-iskart bieb bieb f' Marsalforn jinġabar ukoll il-Hadd filgħodu.

6.4 Is-Sur S Salomone Reynaud ippropona u l-Kumitat qabel li jitwaħħal sinjal juri 'Slippery' fit-tarf tat-taraġ ta' Għar Qawqla.

6.5 Is-Sinj. S Grech qalet li s-sinjal T-Junction fil-bidu ta' Triq is-Salini nieqes. Dan is-sinjal ser jerġa' jsir.

6.6 Is-Sindku ppropona lill-Kumitat biex isiru klassijiet simili għal Skola Sajf għat-tfal ta' Marsalforn. Il-Kumitat qal li għal dan is-sajf, iż-żmien kien daħal għal inizzjattiva bħal din.

## 7. Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna s-seduta għat-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 fis-6.00 ta filgħaxija.

(iffirmata) (iffirmata)

***Marija Saliba***
*Chairperson*

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: 16 ta' Awwissu 2016